**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 543/2015**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Brian Zammit**

<u>**Illum, 14 ta' Jannar, 2025**</u>

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Brian Zammit** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **425975M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-7 ta' Lulju 2015 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkoltiva l-pjanta cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(ċ) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-23 ta' Frar,2021, wara li semgħet il-provi miġjuba quddiema u kif ukoll wara li rat l-artikoli 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 8(ċ), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet dedotta kontrih, sabitu ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għal perjodu ta' għaxar (10) xhur priġunerija effettivi u għall-ħlas ta' multa ta' elfejn euro (€2,000.00), *di piu* bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnatlu wkoll sabiex iħallas is-somma ta' tlitt'elef, ħames mija u tmienja u disgħin euro u sebgħin ċenteżmu (€3,598.76) konsistenti fi spejjeż peritali inkorsi u kif ukoll ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli oħra tal-appellant.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Brian Zammit, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Marzu 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. Fid-dawl tal-ewwel aggravju, *ossia* aggravju 'A' ta' dan l-umli appell, tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ma sabitx lil l-appellant ħati tal-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjonijiet filwaqt li tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-istess appellant ħati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u b'hekk tilliberah minnhom, jew;

2. B'mod sussidjarju, fid-dawl tat-tieni aggravju *ossia* l-aggravju 'B' u mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti, fl-eventwalita' li tiġi kkonfermata l-ħtija hekk kif inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena erogata, b'piena iżjed ekwa u ġusta li tirrifletti iċ-ċirkostanzi tal-każ u li tħassar l-ordni ta' konfiska magħmul a tenur tal-artikolu 22(3A)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta

3. Jew b'mod sussidjarju u mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti, li tawtorizza, fid-dawl tat-tielet aggravju *ossia* l-aggravju 'C', lill-appellant jressaq provi a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kull xhud ieħor li dina l-Onorabbli tqis bħala neċessarju, u sussegwentament tassumi l-funzjoni tal-Qorti tad-Droga kif stipulat fl-artikolu 8(1) tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

A. **<u>Dwar l-irwol tal-Maġistrat Inkwirenti fl-inkjesta dwar l-*in genere* u l-aċċess fuq il-post tad-delitt</u>**

*In linea* ġenerali, il-Maġistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-każijiet previsti mill-liġi, huwa jinvestiga r-reat jew il-fatt rapportat lilu u jżomm aċċess li l-liġi tipprevedi u fl-aħħarnett jirrediġi l-*proces verbal.*

Bħala regola ġenerali, l-artikolu 547 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ampjament ċara li l-aċċess għandu jsir mill-Maġistrat Inkwerenti nnifsu, tant li s-sub-inċiż (1) ta' dan l-artikolu jiddisponi illi: "l-aċċess isir min maġistrat".

Minkejja li l-Kodiċi Kriminali, taħt l-artikolu 547, jistabbillixxi li bħala regola għandu jkun il-Maġistrat Inkwerenti innifsu li jżomm aċċess fuq il-post tar-reat, l-istess Kodiċi Kriminali jikkontempla **<u>żewġ xenarji speċifiċi biss</u>** fejn il-Maġistrat Inkwerenti jista' jiddelega l-irwol tiegħu li jżomm aċċess lil uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta' spettur sabiex ikun tali uffiċjal, bl-għajnuna ta' diversi esperti maħtura skont in-natura tal-każ, li jistabbilixxi l-fatti rilevanti.

L-appellant hawnhekk qiegħed jirreferi għall-artikolu 546(3) u l-artikolu 551(4) tal-Kodiċi Kriminali, li għall-aħjar kjarezza tal-ħsieb ser jiġu hawn riprodotti.

L-artikolu 546(3) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi:

> "(3) Meta r-reat li għandu jiġi investigat **<u>ikun serq, li ma jkunx serq bi vjolenza kontra l-persuna</u>**, il-Maġistrat jista' minflok li jagħmel aċċess fuq il-post, jordna lil uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta'

> spettur biex jistabbilixxi l-fatti rilevanti, u l-uffiċjal hekk maħtur u kull fotografu jew espert ieħor li jkunu qed jgħinuh għandhom jixhdu fl-inkjesta fuq il-fatti investigati u stabbiliti minnhom u għandhom jipproduċu r-ritratti kollha li jkunu ttieħdu u l-oġġetti jew id-dokumenti l-oħra kollha li jkunu rilevanti għall-investigazzjoni tagħhom." [sottolinejar tal-appellant].

L-artikolu 551(4) tal-istess Kodiċi mbagħad jiddisponi illi:

> "(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), **<u>f'każijiet ta' mewt sobtu jew ta' mewt li ma jkunx magħruf il-kaġun tagħha</u>**, il-maġistrat jista', minflok li jagħmel aċċess fuq il-kadavru, u bla ħsara għas-setgħat tiegħu taħt l-artikolu 552, jagħmel kif provdut fl-artikolu 546(3), u meta jagħmel hekk id-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis*" [sottolinejar tal-appellant].

F'dan il-isfond il-liġi hija għalhekk ċara. Il-Maġistrat Inkwerenti **<u>jista biss</u>** jiddelega l-rwol tiegħu li jagħmel aċċess fuq il-post tad-delitt lil uffiċjal tal-Pulizija li ma jkunx taħt il-grad ta' spettur meta:

1. Ir-reat investigat ikun dak ta' serq, li ma jkunx serq bi vjolenza kontra l-persuna, jew;
2. Il-każ investigat ikun wieħed ta' mewt sobtu jew ta' mewt li ma jkunx magħruf il-kaġun tiegħu.

Il-każ odjern ċertament ma jaqa' taħt ebda waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji. Il-każ odjern huwa wieħed ta' koltivar tad-droga li jaqa strettament taħt il-parametri tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ir-regola stabbilita taħt l-artikolu 547 tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe' li jinkombi fuq il-Maġistrat Inkwerenti innifsu li jżomm aċċess fuq il-post tad-delitt, japplika bis-sħiħ u mingħajr riservi f'dan il-każ.

Fil-każ odjern mhux talli minn imkien ma jemerġi li l-Maġistrat Inkwirenti marret fuq il-post fejn l-appellant allegatament kien qiegħed jikkoltiva pjanti tal-kannabis, talli minflok, b'digriet ta' nhar is-7 ta' Lulju 2015, ipproċediet sabiex tinnomina lill-waħda mill-uffiċjali prosekuturi f'dan il-każ, *ossia* lill-Ispettur Justine Grech, sabiex bl-għajnuna tad-diversi esperti debitament maħtura, tkun hi li żżomm aċċess minnufih u tistabbilixxi l-fatti relevanti.[1]

Din in-nomina u dan l-eżerċizzju imur kontra d-dettami tal-Kodiċi Kriminali, speċifikament dak li jistipulaw id-disposizzjonijiet tal-liġi supra-ċitati u għaldaqstant, fl-umli fehma tal-appellant, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tiddikjara illi dak kollu li rriżulta mill-atti tal-inkjesta dwar l-*in genere* huwa legalment monk, diffetuż u inammissibbli stante li ma għandu ebda effett u saħħa legali a bażi tal-prinċipju '*quod nullum est, nullum produciet effectum*'.

L-appellant f'dan l-isfond jagħmel referenza għas-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali[2] nhar il-21 ta' Jannar 2010 fl-ismijiet '**Il-Pulizija [Spt. Joseph Mercieca] v. Omissis**' fejn ġiet ritenut:

> "Dan is-subartikolu [546(3)] hu intiż biex jillimita l-poteri tal-Maġistrat Inkwirenti milli jiddelega uffiċċjal tal-Pulizija biex iżomm l-aċċess biex jistabilixxi l-fatti rilevanti. **L-appellant għandu raġun li l-Maġistrat Inkwirenti f' dan l-każ – trattandosi ta' serq bi vjolenza kontra l-persuna - ma setax minflok jagħmel aċċess fuq il-post, jordna lill-Ufficjal tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta' spettur biex jistabilixxi l-fatti rilevanti, kif għamel meta nnomina lill-istess Spettur tal-Pulizija Carlo Ellul sabiex iżomm aċċess minnufih u jistabilixxi l-fatti rilevanti w jirrelata bil-miktub**.

[1] Folio 49 tal-atti proċesswali (folio 8 tal-atti tal-inkjesta).
[2] per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono.

Peress li dan ma setax isir, kien skorrett ukoll il-Maġistrat Inkwirenti meta innomina:-

biex jassisti lill-imsemmi Spettur tal-Pulizija waqt l-aċċess, lil Dr. Stefano Filletti bhala espert tekniku sabiex jagħmel stima ta' l-oggetti jew hsarat in kwistjoni u sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xhieda [recte; "xiehda"] taghhom bil-miktub u jistabilixxi l-fatti kollha rilevanti. (emfasi ta' din il-Qorti)

U għalkemm kieku l-Maġistrat Inkwirenti zamm l-aċċess hu stess, kif suppost għamel, ma jidhirx li kien ikun skorrett legalment meta innomina perit tekniku biex wara li jisma' x-xhieda jagħmel stima tal-oġġetti u tad-danni, mhux hekk sar u Dr. Filletti ġie nominat biex jassisti lill-Ispettur. Di piu', fir-relazzjoni tiegħu, Dr. Filletti ma għamilx tali stima iżda llimita ruħu għall-kostazzjonijiet ta' fatt li hu stabbilixxa. Għalhekk l-appellant għandu ragun meta jilmenta minn din l-irregolarita' fil-ġbir tax-xhieda fl-inkjesta.

Issa huwa minnu li l-artikolu 549 (3) jiddisponi li x-xiehda tax-xhieda mismugħa fl-aċċess għandha tiġi imdaħħla wkoll fil-*proces verbal* u skond is-subartikolu (4) din ix-xiehda għandha tittieħed bil-mod li tittieħed ix-xiehda li jinsemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja w għandha l-istess effett, pero', in vista' ta' dak li jipprovdi l-artikolu 550, u ċioe' li tali xhieda jistgħu jinġiebu quddiem il-Qorti Istruttorja fuq talba tal-Pulizija, mill-Avukat Generali w mill-persuna mixlija biex jixhdu viva voce, u dan ma sarx, **din il-Qorti tqis li in vista' tal-irregolarita' tan-nomina ta' Dr. Filletti biex jassisti lill-Ispettur kif fuq intqal, ladarba dawn ix-xhieda ma ġewx prodotti biex**

**jixhdu viva voce f' dan il-process, dawn m' ghandhomx ikunu ammissibbli**." [sottolinejar tal-appellant].

L-effetti ta' tali inammissibilita, fl-umli fehma tal-appellant għandha tiġi estiża għax-xhieda quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ta' kull individwu li ġie nnominat sabiex jassisti fl-aċċess difettuż u monk u ċioe' ix-xhieda tas-segwenti individwi:

1. Godwin Sammut (Spiżjar);
2. PS36 Sergio Azzopardi (SOCO);
3. PC302 Brian Alken (SOCO);
4. Richard Aquilina (Perit).

Jekk dina l-Onorabbli Qorti jgħoġobha tilqa għal dan l-aggravju u tgħaddi sabiex tiddikjara l-atti tal-inkjesta dwar l-*in genere* esebiti in atti bħala invalidi u inammissibli, ikun ifisser li hija kompletament assenti l-prova ta' x'kienu jikkonsistu il-pjanti "suspettati pjanti tal-kannabis" li nhar is-seba' (7) ta' Lulju 2015 nstabu ġewwa 'Palatino Garages', numri 31 u 33, fi Triq Sir William Jervois Naxxar. Dan qiegħed jingħad fl-isfond tal-fatt li x-xjenzat maħtur sabiex jagħmel analiżi fuq il-pjanti suspettati pjanti tal-kannabis *de quo*, ossia Godwin Sammut, ġie maħtur fl-inkjesta dwar *in genere* li l-appellant permezz ta' dana l-aggravju qiegħed jimpunja. B'hekk, dak kollu stabbilit minn Godwin Sammut fir-relazzjoni tiegħu għandu fl-umli fehma tal-appellant jiġi skartat fl-intier tiegħu u jiġi meqjus bħala inammissibli a kaġun tal-fatt li n-nomina tiegħu bħala espert saret f'inkjesta monka u invalida fil-liġi.

Tenut kont tal-premess, l-appellant umilment jikkontendi li l-oneru rikjest mill-liġi fil-kamp penali, *ossia* l-oneru tal-lil hinn minn kull mid-dubbju dettat mir-raġuni ma ntlaħaqx fil-każ odjern u b'hekk huwa ma' seta qatt jinstab ħati mill-ewwel Onorabbli Qorti tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet dedotta kontra tiegħu.

B. **Konsiderazzjonijiet *ai fini* ta' Piena**

Dan l-aggravju qiegħed jinġieb il-quddiem strettament mingħajr preġudizzju għall-aggravju preċedenti.

B.1. **Il-koltivar fid-dawl tal-emendi tal-Att IV tal-2020 u l-proporzjonalita' tal-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti**

L-appellant, apparti li nstab ħati mill-ewwel Onorabbli Qorti ta' pusses sempliċi tal-pjanta tal-kannabis, ġie misjub ħati wkoll tal-ewwel imputazzjoni, *ossia* talli kkoltiva l-pjanta tal-kannabis u dana bi ksur tal-artiklu 8(ċ) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dan l-isfond ta' min jirrileva li qabel ma ġew introdotti l-emendi tal-Att IV tal-2020[3], il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ma kien joħloq ebda distinzjoni bejn koltivazzjoni għall-użu esklussiv u koltivazzjoni għal-skopijiet ta' spaċċ u kwindi, a tenur tal-artikolu 22(1B) tal-istess Kap, il-koltivar kien jaqa taħt il-kappa tad-definizzjoni wiegħsa ta' traffikkar u b'hekk kull min jinstab ħati ta' koltivazzjoni, irrispettivament mill-ammont ta' pjanti koltivati, kien inġustament jitqiegħed fl-istess keffa tal-miżien. Għall-aħjar kjarezza tal-ħsieb, qabel l-emendi tal-Att IV tal-2020, l-artikolu 22(1B) kien jistipula hekk:

> "(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, **tinkludi l-koltivazzjoni**, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista,

[3] L-Att sabiex jemenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101, u sabiex jipprovdi dwar dak li għandu x'jaqsam mal-koltivazzjoni għall-użu esklussiv tal-ħati.

li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta'informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza." [sottolinejar tal-appellant].

Illum il-ġurnata, l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 ġie kkwalifikat u jiddisponi hekk:

"(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, **tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati**, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta'informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza" [sottolinejar tal-appellant]

*Di piu*, l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-istess Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta daqstant ieħor ġie mibdul bl-Att Nru. IV tal-2020. Qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi, dan l-artikolu kien jaqra hekk:

"(b) meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) –

(i) meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew taħt l-artikolu 8(ċ) ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta' pussess ta' mediċina, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-

> Qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew (1D) jew (1E), priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)".

Illum il-ġurnata, l-artikolu 22(2)(b)(i) Kapitolu 101 jistipula illi:

> "(b) meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) –
>
> (i) meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew taħt l-artikolu 8(ċ) **<u>ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti hija sodisfatta li dik il-koltivazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati</u>**, ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta'pussess ta' mediċina, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew (1D) jew (1E), priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba'mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa utmenin ċenteżmu (11,646.87)" [sottolinejar tal-appellant].

Għalhekk, mid-diċitura tal-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jemerġi li qabel l-emendi li daħħlu fis-seħħ fis-sena 2020, ir-reat ta' koltivazzjoni tal-

pjanta tal-cannabis, stante li kien awtomatikament jaqa' taħt il-kappa ta' traffikar, kien punibbli tassattivament b'terminu ta' priġunerija ta' mill-inqas sitt (6) xhur u multa u dana biss fl-eventwalita' li l-każ jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u mhux mill-Qorti Kriminali.

Illum il-ġurnata dan m'għadux il-każ. Tant hu hekk, li kif supra-indikat, l-artikoli 22(1B) u 22(2)(b)(i) illum jirrikonoxxu li l-koltivar tal-pjanta tal-kannabis kapaċi jkun għall-użu esklussiv u mhux biss għal skopijiet ta' spaċċ. B'hekk f'każ li l-Qorti jkun jidhrilha li l-koltivazzjoni kien effettivament intiż għall-użu personali tal-ħati, proprju bħal ma ddeċidiet l-ewwel Onorabbli Qorti fil-każ odjern, il-ġudikant ikollu kull liberta' li jinfliġġi piena ta' priġunerija anke saħansitra taħt is-sitt (6) xhur u tali piena hekk ridotta naturalment tkun riflessjoni tal-fatt li l-persuna misjuba ħatja tkun ikkoltivat esklussivament għaliha nnifisha mingħajr l-intenzjoni li b'xi mod jew ieħor tittraffika.

Huwa preċiżament f'dan l-isfond li l-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti hija, fl-umli fehma tal-appellant, sproporzjonta u nġusta. Mela minn naħa l-waħda, l-ewwel Onorabbli Qorti għoġobha tasal għall-konklużjoni li l-pjanti li kkoltiva l-appellant kienu għall-użu esklussiv tiegħu pero' madanakollu xorta' waħda infliġġiet fuq l-appellant piena ta' priġunerija għall-żmien għaxar (10) xhur effettivi, piena li proprju taqa fil-parametri ta' pieni applikabbli għall-individwi li jinstabu ħatja ta' traffikar ta' droga quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ċioe' terminu ta' priġunerija ta' bejn sitt (6) xhur u għaxar (10) snin.

B'kull rispett pero x'inhu l-punt li Qorti tiddikjara li l-koltivar u l-pussess tal-kannabis kien għall-użu esklussiv ta' individwu pero mbagħad tgħaddi biex timponi piena applikabbli għall-koltivar u pussess **mhux** għall-użu esklussiv? Dan huwa preċiżament x-xenarju fil-każ odjern. L-appellant proprju nstab ħati ta' koltivazzjoni u pussess sempliċi tal-kannabis pero bil-piena mposta fuqu xorta' waħda prattikament ġie ttimbrat bħala traffikant!

L-appellant jirrikonoxxi li bil-*proviso* tal-artikolu 22(1B)[4], liema *proviso* wkoll ġie miżjud permezz tal-Att Nru IV tal-2020, l-ewwel Onorabbli Qorti kienet prekluża milli tapplika id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, madanakollu ma kien hemm assolutament xejn xi jwaqqaf lill-ewwel Onorabbli Qorti milli tinfliġġi fuq l-appellant piena ta' priġunerija **taħt** is-sitt (6) xhur jew addirittura tapplika d-dispost tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, *ossia* l-applikazzjoni ta' sentenza sospiża.

In vista ta' dan kollu, l-appellant ġustament jistaqsi, x'kien li wassal lill-ewwel Onorabbli Qorti tinfliġġi piena applikabbli għal min jinstab ħati ta' traffikar meta kienet hi stess li ddikjarat li l-appellant mhuwiex traffikant iżda sempliċiment kien qiegħed ikabbar il-pjanti tal-kannabis għall-użu personali tiegħu? Kellha għalfejn l-ewwel Onorabbli Qorti tinfliġġi piena daqstant eċċessiva u sproporzjonata fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern?

Sabiex wieħed jistabbilixxi jekk piena tosservax il-prinċipju tal-proprozjonalita' jeżistu diversi eżamijiet. *Di fatti,* **'il-Linja Gwida tal-Kunsill Ewropew tal-Kompatibilita' ta' Drittijiet Fondamentali'**[5] jispjega li *"the proportionality principle requirs the measure to have a direct and logical link with the purpose of achieving the objective pursued."*

Apparti l-ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalita', fid-dawl taċ-ċirkostanzi odjerni, il-piena hekk kif imposta mill-ewwel Onorabbli Qorti ma tissodisfax lanqas l-element ta' neċessita' u dan stante li l-każ *de quo* kien biss esperiment minn naħa tal-appellant sabiex jissodisfa l-kurżita' tiegħu liem kurżita' waslitu sabiex jara xi *videos* fuq il-*Youtube*[6] dwar kif tkabbar il-pjanta tal-kannabis. Tant kemm kien esperiment li l-appellant ma kienx jaf x'kien qiegħed jagħmel u *di fatti* huwa stess stqarr, kemm *a*

---

[4] "Iżda fil-każ ta' koltivazzjoni jew importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik il-koltivazzjoni jew importazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jgħoddux".

[5] Fundamental Rights Compatibility, Guidelines for Council Preparatory Bodies, Council of the European Union, 2005.

[6] Folio 25 u Folio 190 tal-atti proċesswali.

*tempo vergine* fl-istqarrija minnu rilaxxata[7] u kif ukoll sussegwentament tul ix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti[8], li numru mill-pjanti li pprova jkabbar kienu mietulu għax kien jifqagħhom bl-ilma. Hawnhekk toħroġ l-inkapaċita' u n-nuqqas ta' għarfien tal-appellant f'dan is-settur tant li kien hu stess li fix-xhieda tiegħu stqarr:

> "Bdejt inrabbiha biex inpejjipha jien. Imma fil-verita' bdejt inrabbiha għalxejn, gaħliex? Għax bniedem ipejjep ma jistax ipejjep il-weraq u min jifhem jaf x'jien ngħid, trid tpejjep il-buds. Issa dawn is-sitt pjanti ma kellhomx buds ħlief tnejn. U jien kont ngħid imma dawn kif jista' jkun ma ħarġux il-fjura allura kont qed inrabbihom għalxejn plus hekk kont nifqagħhom ħafna bl-ilma għax ma kontx naf kif għandi nrabbihom, bozzoz mingħand l-*ironmongery*."[9]

Il-piena ta' priġunerija effettiva ma hi ser sservi ta' ebda ġid għall-appellant anzi ser isservi ta' deni għalih wara li huwa b'suċċess irnexxielu jaqta' l-vizzju tad-droga u rriforma ħajtu. Dan il-fattur waħdu kellu jimmilita' a favur l-appellant u ċertament kellu jwassal lill-ewwel Onorabbli Qorti biex tinfliġġi piena iktar miti u waħda iktar riflessiva għall-passi l-quddiem li għamel l-appellant f'ħajtu.

F'dan l-isfond issir referenza għas-*Social Inquiry Report*[10] li sar quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti mis-Sur Matthew Fleri Soler fejn hemm elenkat l-istorja kompluta tal-appellant u ċioe' minn xiex l-appellant kellu jgħaddi sabiex wasal fejn wasal illum. It-tfulija tiegħu kienet imtappna minn diversi abbużi, nuqqas ta' mħabba li affetwat negattivament il-personalita' u l-formazzjoni tiegħu bħala individwu. Dawn il-problemi sfortunatament wasslu sal-punt li l-appellant waqa' f'diversi vizzji, fosthom il-vizzju tax-xorb eċċessiv, il-vizzju tal-logħob tal-azzard u anki spiċċa jabbuża mid-

[7] Folio 25.
[8] Folio 190.
[9] Folio 190.
[10] Folio 213 et seq.

droga u dana kif jemerġi mill-atti proċesswali.

B'danakollu, kif jemerġi wkoll minn-nota' ta' sottomissjonijiet tal-appellant quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti[11], illum il-ġurnata huwa għamel passi ta' ġgant lejn it-triq it-tajba. Għandu relazzjoni tajba ħafna mal-*partner* tiegħu li għenitu jaqta' kull tip ta' vizzju li kien jikkmanadalu ħajtu. Illum il-ġurnata l-appellant wkoll ottjena l-liċenzja ta' bennej u anke saħansitra jaħdem għal rasu *full-time* (*self-employed*) fil-qasam tal-kostruzzjoni. Riċentament ottjena wkoll liċenzja sabiex ikun jista jsuq u jopera vetturi kbar *heavy plant machinery*. Hija *di fatt* ix-xewqa tal-appellant li fil-futur qarib iwaqqaf kumpannija tal-kostruzzjoni. *In oltre,* l-appellant illum il-ġurnata għandu wild ta' għaxar (10) xhur flimkien mal-*partner* tiegħu u apparti dan il-wild huwa jieħu ħsieb u jagħti għajnuna finanzjarja wkoll lit-tfal li twieldu mill-ewwel żwieġ tiegħu. Il-prospett attwali tiegħu huwa li jiżewweġ lill-*partner* li għandu u jkompli jrabbi l-familja tiegħu bl-aħjar mod li jista.

Għaldaqstant l-appellant jistaqsi, kif jista' qatt jitqies li piena karċerarja effettiva ta' għaxar (10) xhur - piena applikabbli għal min huwa traffikant tad-droga - hija waħda neċessarja u proporzjonata għal pussess sempliċi u koltivazzjoni tal-pjanta kannabis?

Fl-umli fehma tal-appellant, it-tweġiba għandha tkun fin-negattiv.

*Di* fatti, l-appellant huwa tal-fehma li tali piena tikser l-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea[12] li taqra: *"the severity of penalties must not be disproportionate to the criminal offence."*

Il-prinċipju ta' proporzjonalita' bejn ir-reat u s-severita' tal-piena nflitta jemerġi wkoll minn Sezzjoni A tal-artikolu 4 tar-'**Recommendation No. R (92) 17 – Of The Committee of Ministers to Member States Concerning Consistency in Sentencing**.' Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistabbillixxu l-bażi loġika għall-piena kif ukoll

[11] Folio 312 et seq.
[12] Charter of Fundamental Rights of the European Union (200/C364/01).

jistabbilixxu miżuri u linji gwida sabiex jinħoloq bilanċ bejn is-serjeta' u s-severita' tar-reat u l-piena. Sezzjoni A tal-artikolu 6 tistipula li:

> "6. Sentencing rationales should be consistent with modem and humane crime policies, in particular in respect of reducing the use of imprisonment, expanding the use of community sanctions and measures, pursuing policies of decriminalisation, using measures of diversion such as mediation, and of ensuring the compensation of victims."

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet, apparti għall-element kwantitattiv tal-piena, jagħmlu referenza wkoll għall-aspett kwalitattiv tal-piena fejn fl-artikolu 5 ta' Sezzjoni B jingħad illi:

> "5. a. Custodial sentences should be regarded as a sanction of last resort, and should therefore be imposed only in cases where, taking due account of other relevant circumstances, the seriousness of the offence would make any other sentence clearly inadequate. Where a custodial sentence on this ground is held to be justified, that sentence should be no longer than is appropriate for the offence(s) of which the person is convicted. Criteria should be developed for identifying the circumstances which render offences particularly serious. Wherever possible, negative criteria to exclude the use of imprisonment, in particular in cases involving a small financial loss, may be developed."

Għalkemm il-kalibrar tal-piena jaqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, madanakollu tali piena xorta' waħda jeħtieġ li tkun waħda proporzjonata. Dan joħroġ biċ-ċar fil-każ: ***Ute Reindl, ippreżentat minn MPREIS Warentvertriebs GmbH v. Bezirkshauptmannschaft Innsbruck***, deċiża nhar it-13 ta' Novembru 2014,

fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sostniet hekk:

> "According to settled case-law, whilst the choice of penalties remains within their discretion, Member States must ensure that infringements of EU law are penalised under conditions, both procedural and substantive, which are analogous to those applicable to infringements of national law of a similar nature and importance and which, in any event, make the penalty effective, proportionate and dissuasive. In the present case, the measures imposing penalties permitted under the national legislation at issue in the main proceedings must not exceed the limits of what is appropriate and necessary in order to attain the objectives legitimately pursued by that legislation…"

Għaldaqstant, fl-isfond tal-premess kollu, l-appellant umilment jemmen li l-piena fuqu erogata, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha elenkati, partikolarment in vista tal-fatt li huwa ġie misjub ħati biss ta' koltivar u pussess sempliċi tal-pjanta tal-kannabis, hija ċertament oneruża żżejjed u sproporzjonta u timmerita temperament b'mod li l-piena nflitta tkun waħda iżjed ekwa u ġusta għal-każ odjern.

### B.2. **Riforma fil-qafas leġislattiv tal-koltivar u l-pussess sempliċi tal-kannabis**

l-Att Nru. 1 tal-2015, li lura fis-sena 2015 ħoloq l-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija)[13], kien pass kbir il-quddiem fil-liġi tad-droga ġewwa pajjiżna. Dan l-Att posittivament indirizza diversi anomaliji fil-liġi dwar droga fejn sa qabel l-introduzzjoni tiegħu numru kbir ta' vittmi tal-abbuż kienu jispiċċaw inkarċerati flok jingħataw l-għajnuna meħtieġa sabiex jegħlbu l-vizzju tagħhom, anke meta l-ammonti ta' droga misjuba fil-pussess tagħhom kienu jkunu minimi għall-aħħar.

---

[13] Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-introduzzjoni ta' dan l-Att, persuni li bdew jinqabdu fil-pussess tal-kannabis fi kwantita' ta' inqas minn 3.5 grammi, irrispettivament mill-purita', ma baqgħux jiġu soġġetta għal proċeduri fil-Qorti iżda minflok bdew jiġu soġġetta għal-proċeduri quddiem Tribunal tal-Ġustizzja kompost skont l-Att dwar il-Kummissarji tal-Ġustizzja u jeħlu biss penali u dana naturalment apparti l-miżuri idoneji u neċessarji li setgħu jiġu applikati favur ir-rijabilitazzjoni tal-persuna mixlija u misjuba ħatja.

Mil-lat ta' koltivar, l-Att Nru. 1 tal-2015 wkoll ħoloq qafas leġislattiv ġdid. Persuna li bdiet tinqabad tikkoltiva **biss pjanta waħda**, wara li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivar ikun sar għal-skopijiet ta' użu personali, dak l-individwu mixli, minflok jeħel piena karċerċarja mandatorja jiġu mposta fuqha ordnijiet iżjed prattiċi u addattati għaċ-ċirkostanzi, bħala pereżempju ordni ta' *probation* ai termini tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-preżent jidher li l-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) ser jerġa jiġi rivedut mill-ġdid. *Di fatti* jidher li qegħdin jiġu serjament diskussi emendi ġodda *si tratta* ta' koltivar u pussess sempliċi fil-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tant li l-Gvern tal-ġurnata anke ħabbar li fil-gimgħat li ġejjin ser tiġi mħejjija u ppublikata *whitepaper* b' diversi proposti għal tisħieħ u titjib f'dan il-qafas leġislattiv.[14]

Fost dawn il-proposti jidher li qiegħed jiġi kkunsidrat id-dritt li persuna **titħalla tikkoltiva iktar minn pjanta waħda tal-kannabis**, b'tali mod li tali koltivar xorta waħda jiġi meqjus bħala intiż għall-użu personali u responsabbli u b'hekk tali aġir ma jkunx punibbli b'piena ta' priġunerija effettiva.

Ir-rilevanza ta' dan kollu x' inhu fil-kuntest tal-każ odjern?

Dan kollu huwa rilevanti u pertinenti għal raġuni waħda u sempliċi. Fid-dawl tad-

[14]https://www.maltatoday.com.mt/news/national/107800/cannabis_reform_will_allow_users_to_grow_plants_for_personal_use_robert_abela_says#.YEPGQmhKjIU.

diskussjonijiet u l-proposti su riferiti li qegħin preżentament jiġu diskussi u li fuqhom ser tiġi ppublikata *whitepaper*, huwa ferm probabbli li l-aġir tal-appellant mertu tal-proċeduri odjerni ikun jaqa' purament fil-parametri ta' dawn l-emendi l-ġodda li jidher li ser ikunu mplimentati fil-futur qarib.

Huwa ġust, għalhekk, li illum individwu misjub ħati ta' koltivar u pussess sempliċi tal-kannabis tiġi inflitta fuqu piena karċerarja ta' għaxar (10) xhur jekk fil-ġimgħat li ġejjin dan ir-reat kapaċi jkun 'depenalizzat' u punibbli biss b'penali *de minimis* lil hinn mill-parametri tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta?

L-appellant jirrikonoxxi li sal-lum dina ir-riforma għadha ma ġietx implimentata iżda sabiex kollox jitqiegħed fil-perspettiva tiegħu u *di piu* sabiex jiġi apprezzat l-entita' tal-każ odjern, hija l-umli fehma u opinjoni tal-appellant li dawn il-proposti ġodda jiġu mgħarbla u konsiderati kif xieraq minn dina l-Onorabbli Qorti fl-eventwalita' li hija jgħoġobha tvarja l-piena kif umilment mitlub mill-appellant.

B.3. **Konfiska tal-Assi tal-Appellant**

Bl-akbar dovut rispett lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, l-appellant huwa tal-umli fehma li dik il-Qorti għamlet interpretazzjoni u enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi meta imponiet bħala parti mill-piena fuq l-appellant il-konfiska ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli oħra tiegħu u dana in vista tal-fatt li l-appellant ma ġiex misjub ħati ta' xi aġir hekk kif ravvizzat fl-artikolu 24(A)(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta iżda ġie biss misjub ħati ta' koltivar u pussess sempliċi tal-pjanta tal-kannabis.

Dan jemerġi ben ċar mid-dispost tal-artikolu 22(3A)(d) tal-Kapiolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jagħti lok għal konfiska tal-assi tal-individwu biss jekk tali individwu jkun ġie misjub ħati taħt xi reat kontemplat fl-artikolu 24A(1).

L-Artikolu 24A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-aħjar kjarezza tal-ħsieb jaqra hekk:

> "24A(1) Meta, wara informazzjoni li tasallu, l-Avukat Ġenerali jkollu raġuni biżżejjed biex jissuspetta li persuna (hawnhekk iżjed'il quddiem imsejħa "il-persuna suspettata"):
>
> (a) tkun ħatja ta' bejgħ jew traffikar ta' xi mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew;
> (b) tkun ħatja ta' xi reat imsemmi fl-artikolu 22(1)(e) jew (f), jew
> (ċ) tkun ħatja ta' reat imsemmi fl-artikolu 22(1)(d) b'riferenza għal xi reat imsemmi fil-paragrafi ta' qabel dan ta' dan is-subartikolu, jew
> (d) tkun ħatja ta' reat imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ), jew
> (e) tkun ħatja tar-reat ta' pussess ta' xi mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluživ tal-ħati"

Kif tixhed is-sentenza appellata, l-appellant ma ġie misjub ħati ta' ebda wieħed minn dawn ir-reati u għaldaqstant, l-appellant bir-rispett jitlob li huwa jiġi liberat mill-osservanza ta' dina l-part tal-ġudizzja tal-ewwel Onorabbli Qorti u li din l-Ordni tiġi mħassra.

C. **<u>L-Applikazzjoni tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

Dan l-aggravju qiegħed jinġieb mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti u għandu jiġi kkunsidrat biss fl-eventwalita' li xi aggravvju/i preċedenti jiġi/u skartati minn dina l-Onorabbli Qorti.

Jibda' sabiex jingħad, kif jista' jiġi ppruvat, illi fiż-żmien li seħħew il-fatti mertu tal-każ odjern, l-appellant kien maħkum mill-vizzju tad-droga.

Fl-umli fehma tal-appellant, l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta jikkonkorru fiċ-ċirkostanzi tal-każ *de quo* u konsegwentament fl-eventwalita' li l-aggravji preċedenti jiġu skartati, dina Onorabbli Qorti għandha l-fakolta' li tikkonverti u tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Jiġi mfakkar illi anke dina l-Onorabbli Qorti għandha l-fakolta li tikkonverti ruħha u tassumi l-funzjoni ta' qorti dwar id-droga ġialadarba tkun konvinta li l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi jissussistu. Fid-dawl ta' dak hawn mistqarr, qiegħda ssir referenza għal sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Assistant Kummissarju) Norbert Ciappara v. Mario Zammit'** deċiża nhar it-18 ta' Lulju, 2017 fejn il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi:

> "19. B'hekk il-liġi qed tikkontempla sitwazzjoni fejn, jekk qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, **mhux neċessarjament fl-ewwel stadju tal-proċeduri kriminali**, tkun sodisfatta illi jikkonkorru r-rekwiżiti stipulati fl-istess artikolu, għandha l-fakoltà li tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id- Droga bil-għan illi tirrijabilita iktar milli tippenalizza lil min ikun akkużat b'reati konnessi mad-droga. Permezz ta' din il-proċedura l-akkużat ikun jista' jibbenefika minn trattament, u piena, anqas milli kieku ġie ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati [Malta] bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali talvolta, bħal fil-każ preżenti jsir appell.
>
> Għar-raġunijiet premessi tilqa' l-appell u tirrispondi għar-referenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali billi **tiddikjara li n-nuqqas tal-applikazzjoni fil- konfront ta' Mario Zammit tal-Artikolu 8 tal-Att numru 1 tas-sena 2005 f'dan l-istadju ta' appell jkun leżiv tad-dritt tiegħu sanċit bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni**." [sottlinejar tal-appellant].

Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonverti ruħha hekk kif mitlub, jeħtieġ illi jiġu sodisfatti diversi elementi rikjesti mil-Liġi fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' li:

1. L-appellant, quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, instab ħati ta' reati kontra l-liġijiet dwar id-droga.

2. Il-kwantita' ta' droga projbita li, irrespittivament mit-tip tad-droga jew mill-purita', ma taqbiżx il-kwantita' ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika li l-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali;

3. Ir-reati kontra l-Liġijiet tad-Droga li bihom jinsab mixli [u li tagħhom instab ħati l-appellant] huma sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tiegħu;

4. Ikunu jeżistu raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-appellant x'aktarx rrijabilita ruħu mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamel progess jew sforz sostanzjali sabiex jeħles mid-dipendenza mid-droga.

Illi jibda' sabiex jingħad illi rigward l-ewwel element *supra* indikat, l-appellant ma jħossx il-bzonn li għandu jiddelunga wisq stante li huwa ċar daqs il-kristall illi fil-proċeduri odjerni l-appellant ġie mixli u effettivament nstab ħati b'reati kontra l-Liġijiet tad-Droga. Għaldaqstant, minghajr ebda dubju, dan l-element huwa sodisfatt.

Illi rigward it-tieni element supra-elenkat, stante li fil-każ odjern, il-kwantita ta' droga in kwistjoni [70.58 gramma tal-pjanta kannabis], *dato ma non concesso* li r-rapport tax-xjenzat Godwin Sammut huwa ammissibbli ma teċċedix il-linji gwidi elenkati fir-raba' skeda tal-Kap 101 [*ossia* 300 gramma], l-appellant bir-rispett jissottometti illi anke dan l-element rikjest a bażi tal-artikolu 8(1) tal-Kap 537 huwa wkoll sodisfatt.

Illi fir-rigward it-tielet u r-raba' elementi li jeħtieġ jiġu ppruvati u ċioe sabiex jiġi stabbilit li r-reati li bihom kien mixli l-appellant huma attribwibbli għad-dipendenza fuq id-droga u kif ukoll li l-appellant irnexxielu jegħleb dan il-vizzju, l-appellant jkun jeħtieġlu jkun awtorizzat iressaq provi għal dan il-għan, fosthom li jiġi maħtur *forensic psychologist* sabiex jirrelata fuq il-progess li għamel l-appellant.

Għalhekk, f'dan l-isfond, fl-umli fehma tal-appellant, mingħajr pregudizzju għall-aggravji preċedenti u fl-eventwalita li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija, għandha tikkonsidra dan l-aggravju u wara li tisma' l-provi kollha miġjuba għal dan il-għan u kull xhud ieħor li dina l-Onorabbli Qorti tqis bħala neċessarju, għandha tassumi l-funzjoni tal-Qorti tad-Droga hekk kif stipulat fl-artikolu 8(1) tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta tas-26 ta' Jannar 2023 fejn laqghet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u ghalhekk ikkonvertiet ruhha f'Qorti dwar id-droga. Sussegwentament irreferit lill-appellant quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fejn tenna lu jinstab sodisfatt bil-process ta' rijabilitazzjoni tal-klijent u ghalhekk ghalaq il-kaz b'success.

Rat illi din il-kawza giet assenjat lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat il-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-partijiet irrimettu ruhhom ghall-atti nhar l-14 ta' Novembru, 2024.

**Ikkunsidrat**,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Zammit jirrigwardja l-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz mill-atti proċesswali tal-process-verbal fl-intier tieghu u dan stante li l-Magistrat Inkwerenti naqset li taċċedi hi personalment għal fuq il-lok tad-delitt u dana kif rikjest mill-artikolu 547 et seq tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti mhux ser toqghod tidhol fil-kwistjoni jekk il-Magistrat Inkwerenti acceditx fuq ix-xena tar-reat *o meno*. Dan stante il-fatt illi jekk il-Magistrat kienet obbligata li taccedi fuq il-post u ma marritx, il-*proces-verbal* xorta wahda jibqa' ammissibbli. Din il-Qorti tghaddi sabiex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Tiberiu-Mihail Miculescu**[15] fejn il-Qorti kienet ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mifsud**[16] u qalet hekk:

> *'Din il-Qorti tqis li kif tajjeb issottometta l-appellant kellu jkun il-Magistrat Inkwirenti li jaghmel access u mhux jiddelega lill-Ispettur sabiex tkun hi li taghmel access.* ***Nonostante dan in-nuqqas, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li kwalsiasi rizultanzi li setghu inhargu in segwitu ghall-premess ghandhom jigu dikjarati inammissibbli. Fil-ligi ta' Malta ma ghandhiex il-principju tal-'fruit of the forbidden tree' u ghalhekk anke jekk kellu jkun il-Magistrat li jaccedi fuq il-post u mhux jiddelega dan lill-Ispettur, dan ma jfissirx li r-rizultanzi tal-inkjesta huma inammissibli.***[17]

[15] Deciza minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta nhar id-29 ta' Settembru, 2009.
[16] *Decided by the Court of Criminal Appeal (Inferior Jurisdiction) on the 23rd September, 2021.*
[17] Enfasi ta' din il-Qorti.

*Kif meqjus fid-digriet fl-ismijiet* ***'DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO'***[18] *dwar fatti u kwistjonijiet kompletament differenti minn dawn odjerni:*

*Skond il-fehma tal-konvenut, ir-registrazzjonijiet telefonici ittiehdu b'manjiera illecita u minghajr il-kunsens tieghu u, allura, l-istess ma jistghu qatt jitressqu bhala evidenza ideonea fi procediment gudizzjarju. B'dan l-argument il-konvenut donnu qed jittenta jdahhal fil-vicenda de quo dak il-principju maghruf bhala* ***"fruits of the poisoned tree"****.* ***Dan hu precett predominanti hafna fis-sistema legali Amerikana fejn il-logika ta' warajh trid illi jekk is-sors innifsu ta' l-akkwist ta' l-evidenza huwa illecitu, allura kull haga li tiddixxendi minn tali sors huwa wkoll illegali (fi kliem iehor, l-effett negattiv ad inceptio jirriverbera ex posterior fuq kollox li johrog jew jemana minnu).*** *Madanakollu, jigi sottolinejat, illi* ***tali principju ma jezistix fl-ordinament guridiku Malti****. Mhux konsentit li jidahhlu principji ritwali godda jew novelli li l-legislatur Malti ma ddisponiex espressament dwarhom jew provda ghalihom, li huma aljeni ghas-sistema guridika nostrana. Dan huwa hekk l'ghaliex dak li trid il-ligi, tghidu espressament abbazi tal-massima "ubi lex voluit, lex dixit".*[19] *Il-ligi procedurali domestika, fis-skiet tal-ligi, ddur ghall-ispirazzjoni ghall-principji u dawk in-normi li jsawwru r-regoli procedurali Inglizi.*[20] *Ghalhekk, wiehed idur biex jara*

[18] *Moghti mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-3 ta' Frar, 2020 (Avviz tat-Talba numru: 80/2019).*

[19] *32 Referenza ghall-massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman huma pertinenti ghax kif maghdud fid-decizjoni in re* ***Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri*** *(Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881 – Decizjoni No 122 riportata f'Kollez. Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"ius comune" (ligi komuni) ta' Malta u "nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane". Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, inter alia,* ***Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et*** *(Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008);* ***John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et*** *(Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009);* ***Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana*** *(Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014);* ***Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et*** *(Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u* ***Sebastian Vella et v. Charles Curmi*** *(Appell Superjrui, 28 ta' Frar, 2014). (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) fid-digriet citat.)*

[20] *It-Tribunal josserva li r-rit procedurali civili taghna jsib il-fons tieghu fid-dritt Ingliz. Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament domestiku fi zmien id-dominju Ingliz f'Malta. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista Malti PAOLO DE BONO*

*kif tali materja giet kunsidrata fis-sistema Ingliza u s-segwenti huma ftit kaptazzjonijiet ghar-rigward. Insibu ritenut illi, "The law in this area is complex and still developing. Statute occasionally provides rules governing the admissibility of evidence obtained by particular methods. Where the statute is silent, or there is no relevant legislation, the general rule at common law applies. **This rule states that the admissibility of evidence is not affected by the means used to obtain it.** The use of illegal or unfair techniques to obtain evidence does not generally make otherwise relevant and admissible evidence inadmissible" (IAN DENNIS, "The Law of Evidence", Sweet & Maxwell 2010; 4th ed., §8.2, p. 301). L-istess awtur ikompli jghallem illi, "The general rule at common law was and remains clear and unambiguous. The means by which evidence is obtained does not affect its admissibility as a matter of law. **Provided the evidence is relevant it is admissible in law, and it is not rendered inadmissible because illegality or unfairness is used to obtain it**. A classic statement of the attitude of nineteenth-century judges was the terse observation of Crompton J. in Leatham [(1861) 8 Cox C.C. 498 at 501]: «It matters not how you get it; if you steal it even, it would be admissible in evidence». The inspiration for this common law*

---

*(Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile." (p.320) u noltre illi, "Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime." (p.322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'footnote ghal din l-ahhar citazzjoni, jghid, inter alia, hekk: «Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del BEST, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal LELY (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso.» (pp.322–323). Bhala ezempju tangibbli ta' dak illi qed jigi maghdud, wiehed jirreferi ghas-sentenza in re **Lawrence sive Lorry Sant v. In-Nutar Guze' Abela** (Prim'Awla, 27 ta' April, 1993) fejn naraw illi din l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-law of evidence relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat l-awtur Peter Murphy ("Modern Law of Evidence", 2nd edition) u l-opra intitolata "Cross on Evidence" (2nd Australian edition). Addizzjonalment, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-proceduri in re **Michael Agus v. Rita Caruana** (Prim'Awla, 10 ta' Marzu, 2011; digriet kamerali) ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta' evidenza Inglizi f'dak li jirrelata ma' produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha. Inoltre, fid-decizjoni in re **Robert Hornyold Strickland v. Allied Newspapers Ltd** (Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2019) naraw kif l- Qorti ghamlet espressament referenza ghal-Ligi anglosassona [vide pagna 13 ta' dik is-sentenza]. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) fid-digriet citat.)*

*position came largely from civil cases, where the court has traditionally conceived its function as that of doing justice between the parties according to the evidence the parties choose to present. From this standpoint it is immaterial how the parties come by their evidence." (ibid. §8.3, p. 302). Utili hafna dak misjub fil-ktieb ta' J. D. HEYDON intitolat "Cross on Evidence" (Butterworths 2010, 8th ed., §27230, p. 988) fejn insibu asserit li, "Lord Goddard rejected the submission that evidence obtained illegallly was for that reason inadmissible (Kuruma v R [1955] AC 197): ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is where it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained ...".*

*Din il-posizzjoni tidher abraccjata fis-sistema domestika. Il-qrati taghna kellhom okkazzjoni jitrattaw u jindirizzaw aspetti analogi ghat-tematika odjerna u f'dan ir- rigward, it-Tribunal jaghmel referenza ghassenjalazzjonijiet rilevanti maghmula fid- decizjoni in re* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja*** *(Qorti ta' Appell Kriminali, 3 ta' Mejju, 2000)*[21]*:*

*« Issa, apparti li ma hemmx prova – jew, jekk hemm, din ma ingabitx a konjizzjoni ta' din il-Qorti fil-kors tat-trattazzjoni orali –* ***li r-registrazzjoni saret bi ksur ta' xi ligi, anke li kieku kien hekk (jigifieri li r-registrazzjoni saret bi ksur tal-ligi) dan ma jfissirx li dik ir-registrazzjoni ma hix ammissibbli bhala prova. Il-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna kienet dejjem li prova hi ammissibbli minkejja li biex wiehed jikseb dik il-prova tkun inksiret xi ligi ohra, u dan konformement mar-regola tal-***

[21] *Fis-sentenza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja' deciza fit-3 ta' Mejju, 2000 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Att ta' Akkuza numru: 20/97) il-Qorti kienet ghamlet referenza ghal dak li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata datata l-14 ta' Dicember 1998 kienet ikkunsidrat dwar l-eccezzjonijiet imressqa. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li r-referenza maghmulha f'dan iddigriet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja' jirreferi ghal dak imnizzel fis-sentenza tat-3 ta' Mejju 2000 fejn f'dik il-parti kienet qieghda tikwota ssentenza tal-14 ta' Dicembru 1998.*

***"common law" Ingliza in materja*** *(ara f'dan is-sens* ***Il-Pulizija v. Grezzju Spiteri****, App. Krim. 8/3/84; ara wkoll* ***P. v. Josephine Bonello****, App. Krim. 16/10/42 u* ***s-sentenzi citati f'Harding's Recent Criminal Cases Annotated, Malta, 1943, p. 198****). Din il-Qorti taghmel referenza in partikolari ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliza tal-15 ta' Marzu, 1968 fejn gie ritenut illi "recordings of conversations obtained through telephone tapping by private individuals are admissible in evidence" (****R. v. Senat*** *and Sin, 52 Crim. App. R. 282). Minkejja li fl-Ingilterra il-'Police and Criminal Evidence Act, 1984' tat espressament il-qrati diskrezzjoni li jistghu, f'certi kazi, jeskludu provi "obtained improperly or by trick" (ara l-Artikolu 78 ta' dik il-ligi), ir-regola generali ghadha li "evidence obtained unlawfully, improperly or unfairly is admissible as a matter of law" (Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1689, para. F.2.6). Fi kliem Lord Chief Justice Goddard fil-kaz Kuruma, son of Kaniu v. The Queen (1955) AC 197: "... ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While this proposition may not have been stated in so many words in any English case, there are decisions which support it, and in their Lordships' opinion it is plainly right in principle." (p. 203).*

*« Din il-Qorti tara li ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilità ta' prova miksuba illegalment, din hi wkoll il-posizzjoni taht il-ligi taghna. Kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tad-19 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena****: "fis-sistema taghna dik li hija komunement imsejjha bhala l- 'Exclusionary Rule' fl-Amerika, ghad m'hijiex radikata u r-regola generali fis- sistema taghna hija* ***li provi illi jkunu gew ottenuti b'mod censurabbli fuq skala kemm morali kif ukoll possibilment anke legali, xorta huma ammissibbli.****"*

*« Jizdied jinghad li fl-Ingilterra, minkejja l-Att tal-1984 aktar 'il fuq imsemmi, il- House of Lords fil-kaz* ***R. v. Khan*** *(Sultan) (1996) 3 WLR*

*162, "upheld the decision of the Court of Appeal that evidence obtained by a bugging device, attached by the police to a private house without the knowledge of the owner or occipiers, as admissible and should not have been excluded under section 78 … … The crime being investigated was one of great gravity; in the circumstances the invasion of privacy, with attendant trespass and damage, was outweighed by the lack of pressure or oppression by the police, the absence of incitement, the fact that the defendant had not been arrested and the existence of a tape recording of the conversations" (ara Archbold, 1997, para. 15–503).*
*« Din il-Qorti tirribadixxi illi f'dan il-kamp, il-ligi taghna ma tistax tigi ekwiparata ma' ligijiet ohra fejn il-principju huwa divers u fejn il-gurisprudenza segwiet linji kompletament opposti ghal dawk nostrani. Tirrepeti in oltre li dik l'hekk imsejjha 'exclusionary rule' li tezisti f'certi gurisdizzjonijiet hija aljena ghas-sistema taghna … … Similment, l-appellant qieghed jissottometti illi "l-Prosekuzzjoni qed titlob lill-Qorti bhala istituzjoni legali, li f'dan il-process legali, tikser il-ligi u tkun kompartecipi f'dan il-ksur tal-ligi, jew li tissana ksur ta' ligi." Apparti milli, kif tajjeb osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, din l-allegazzjoni l-appellant qieghed jaghmilha minghajr ma almenu ressaq hjiel ta' prova jew indikazzjoni ta' prova illi dak li sar, sar illegalment da parti tal-awtorità tal-pulizija, jigi osservat illi l-bazi tal-eskluzjoni mis-sisema taghna tal-'excluionary rule' huwa proprju r-rifjut tas-sistema taghna illi jallaccja l-valur probatorju u l-ammissibilità ta' prova mal-mod kif tkun giet ottenuta hlief ghal dak li jirrigwarda konfessjonijiet da parti tal-akkuzat li huma regolati specifikatament u differentement mill-Kodici. Fuq dan l-aspett legali, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha in re Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena deciza fid-19 ta' Jannar, 1996. »*

*In kongunta ma' dak appena osservat, fid-decizjoni in re* ***<u>Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah</u>***[22] *inghad illi,*

*"Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue"* ***– hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli."*** ***<u>Dan ikompli jsahhah l-osservazzjoni maghmula precedentement illi l-legislatur Malti jimpurtah aktar mir-rilevanza ta' l- evidenza u x'jista' jkun il-kontribut ta' l-istess evidenza ghall-kaz, milli l-forma taghha jew kif l-evidenza tigi akkwistata jew ottenuta.'</u>***

Illi l-Qrati taghna ma jaderixxux ruhhom mad-duttrina tal- *fruits of a poisoned tree* li jipprovdi li jekk xi evidenza tkun akkwistata b'mod illecitu, allura kull haga li jemani minnha huwa llegali. Ghalhekk huwa rrilevanti jekk il-Magistrat Inkwerenti fallitx milli taccedi fuq ix-xena tar-reat meta kienet obbligata taghmel dan *o meno* ghaliex il-*proces-verbal*, kienet x'kienet ic-cirkostanza xorta wahda ghandu jigi kkunsidrat bhala evidenza ammissibbli. Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tichad dan l-ewwel aggravju tal-appellant.

**<u>It-tieni aggravju</u>** tal-appellant jirrigwardja l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti. L-appellant jargumenta illi ma kienx gust illi l-Ewwel Qorti, wara li hi stess iddikjatrat li l-appellant mhux xi traffikant, imponiet piena eccessiva u sproporzjonata.

Illi kif gie ritenut diversi drabi, m'huwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm

[22] *Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April 2001*

xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jean Pierre Farrugia**[23] fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> *"Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive".*

L-Att IV tal-2020 gie promulgat sabiex jemenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101, u sabiex jipprovdi dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-koltivazzjoni għall-użu esklussiv tal-hati. Illum il-gurnata sta ghal Qorti biex tqis jekk il-pjanti ta' Cannabis misjuba humiex ta' kwantita' zghira u jekk giex ippruvat li dawn kienu ghall-uzu esklussiv tal-appellant. Ghalhekk illum il-gurnata, il-ligi ma tipprojbix persuna li jkun ikkultiva aktar minn pjanta wahda tal-Cannabis milli jinghata piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija effettiva. Ghalhekk anke jekk persuna tkun ikkultivat aktar minn pjanta wahda tal-Cannabis ma jfissirx li piena ta' prigunerija effettiva hija tassattiva. Kollox jiddependi dwar jekk il-Qorti tkunx sodisfatta li l-pjanti misjuba kienux ghall-uzu esklussiv tal-hati.

Ghalhekk din il-Qorti trid tara ftit il-fatti li jsawwru dan il-kaz u x'wassal lill-prosekuzzjoni tressaq lill-appellant il-Qorti biex f'kaz li jirrizulta li l-koltivazzjoni tal-pjanti li nstabu ghand l-appellant kienu intizi ghall-uzu personali tieghu din il-Qorti tkun f'pozizzjoni li tirriforma is-sentenza tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta.

L-Ewwel Qorti meta giet biex teroga l-piena li kellha tinfliggi qieset il-fatt li skond ir-rapport tal-espert xjenzat Godwin Sammut fejn stabbilixxa illi l-weraq li kien hemm fid-dokumenti mghoddija lilu kellhom ammont net totali ta' 70.58 grammi ta'

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 2023.

Cannabis. L-Ispettur Justine Grech u l-pulizija l-ohra, xehedu illi kienu nstabu tnax-il pjanta b'kollox. Meta xehed l-appellant minn jheddu quddiem l-Ewwel Qorti huwa qal li kellu sitt pjanti u mhux tnax. L-ewwel Qorti qieset ukoll is-segwenti meta giet biex tinflingi l-piena:

1. In-natura tar-reati
2. Il-fedina penali
3. Is-*social enquiry report*
4. Ir-rapport tal-espert psikologiku Dr Edward Curmi
5. It-trapass taz-zmien
6. Il-fatt li l-appellant beda miexi fit-triq it-tajba

L-appellant xehed quddiem il-Qorti wkoll dwar it-tfulija iebsa li kellu u kif dan wassal sal-punt li ddobba xi zerriegha biex ikabbar il-Cannabis hu.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet ukoll li gie applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali u anke ghamlet referenza ghal dak ritenut fil-provsio tal-Artikolu 22(1B).

Din il-Qorti rat il-ligi kif kienet qabel gie introdott l-Att IV ta' 2020 u wara li gie ntrodott dan l-istess Att. Illi llum il-gurnata ghalhekk l-ikkoltivar tal-kannabis kapaci jkun ghall-uzu esklussiv u mhux ghall-skopijiet ta' spacc. L-Ewwel Qorti nfatti meta ppronunzjat ruhha dwar it-tieni akkuza rriteniet is-segwenti kliem:

> ***'Illi, tenut kont ta' dan kollu, wara li din il-Qorti rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentament pruvat li l-cannabis misjub fil-garaxx kien intiz ghall-ispacc.'***

Ghaldaqstant din il-Qorti, in vista tas-suespost, hija tal-fhema illi l-Ewwel Qorti kienet eccessiva u sproporzjonata meta mbaghad mponiet piena ta' ghaxar xhur prigunerija

effettiva fuq l-appellant u dan ghaliex l-istess piena ma tirriflettix l-ispirtu tal-emendi introdotti permezz tal-Att IV ta' 2020.

L-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> *(b) meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) –*
>
> *(i) meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew* ***taħt l-artikolu 8(ċ) ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti hija sodisfatta li dik il-koltivazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati****,*[24] *ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur taddispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta' pussess ta' mediċina, bi ksur taddispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak ilpussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew (1D) jew (lE), priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87);*
>
> *(ii) għal kull reat ieħor, priġunerija għal żmien ta'* ***mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien,***

[24] Enfasi ta' din il-Qorti.

*u f'kull każ li persuna tinsab ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, l-oġġetti kollha li dwarhom ikun sar ir-reat jiġu konfiskati favur il-Gvern, u kull oġġett hekk konfiskat għandu, jekk il-qorti hekk tordna, jiġi distrutt jew isir minnu xort'oħra kif jista' jiġi provdut fl-ordni:*

Ghaldaqstant minkejja li l-piena hija fil-parametri tal-ligi, ixxeqleb ferm lejn il-massimu ta' piena karcerarja hekk kif stipulat ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Gialadarba llum il-gurnata l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni sabiex taghzel tapplikax piena ta' prigunerija effettiva meta l-Qorti tkun sodisfatta li l-koltivazzjoni tal-pjanta Cannabis kienet ghall-uzu esklussiv tal-hati, u tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet kollha maghmulha inkluz tal-fatt li jirrizulta li l-koltivazzjoni kienet ghall-uzu esklussiv tal-appellant; it-trapass taz-zmien u l-kambjament li ghamel l-appellant, sejra ghalhekk tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant ghal ghaxar xhur prigunerija effettiva u sejra minflok tordna li l-istess piena tigi sospiza ghal zmien sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre, l-Ewwel Qorti imponiet bhala parti mill-piena l-konfiska ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli jew immobbli tal-appellant u dan ai termini l-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li konfiska tal-assi tista' biss issir meta l-akkuzat jinstab hati ta' xi reat kontemplat fl-Artikolu 24A (1) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:

*24A. (1) Meta, wara informazzjoni li tasallu, l-Avukat Ġenerali jkollu raġuni biżżejjed biex jissuspetta li persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuna suspettata"):*
*(a) tkun ħatja ta' bejgħ jew traffikar ta' xi mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew*
*(b) tkun ħatja ta' xi reat imsemmi fl-artikolu 22(1)(e) jew (f), jew*

*(ċ) tkun ħatja ta' reat imsemmi fl-artikolu 22(1)(d) b'riferenza għal xi reat imsemmi fil-paragrafi ta' qabel dan ta' dan is-subartikolu, jew*
*(d) tkun ħatja ta' reat imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ), jew*
*(e) tkun ħatja tar-reat ta' pussess ta' xi mediċina kontra ddispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluživ tal-ħati*

Illi stante li l-appellant ma nstabx hati ghal dawn ir-reati sucitati, l-Ewwel Qorti ma kelliex tordna l-konfiska tal-assi tal-appellant kif ritenut *supra*. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti qeghda tilqa' it-tieni aggravju tal-appellant fl-intier tieghu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel aggravju tal-appellant immarkat bl-ittra A. In oltre, qeghda tilqa' it-tieni aggravju mressaq mill-appellant immarkat bl-ittra B fl-intier tieghu u ghalhekk qeghda tikkonferma l-htija tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant, tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant ghal ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva u elfejn euro (€2,000) multa u minflokk tikundanna lill-appellant ghal ghaxar (10) xhur prigunerija li permezz tal-artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn (2) mil-llum u multa ta' tlett mitt euro (€300). Din il-Qorti qeghda tirrevoka wkoll fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobli ohra tal-appellant.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni maghmulha ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-appellant gie ikkundannat ihallas it-total ta' €3,598.76 fi ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl dwar dan il-kaz. Din is-somma ghandha tithallas mill-appellant fi zmien xahrejn mil-lum.

Tikkonferma l-ordni ghad-distruzzjoni tad-droga ezebita u tal-affarijiet relatati maghha in atti, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces verbal* li

jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Illi stante li l-Qorti laqghet it-tieni aggravju tal-appellant, qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet aggravju.

Il-Qorti spjegat lill-appellanti l-portata ta' din is-sentenza u wissietu dwar il-konsegwenzi jekk huwa jikkometti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

Maria Grech
Deputat Registratur